Domandi preliminari

1. (a) L-Artikolu 56 KE jipprekludi li persuna fiżika li hija suġġetta b'mod illimitat għat-taxxa fil-Ġermanja ma tistax tnaqqas, mill-bażi ta' kalkolu tat-taxxa tagħha fuq id-dħul fil-Ġermanja għas-sena li matulha sar it-telf, telf li jirriżulta mill-kiri u mil-leasing ta' immobbli li jinsab fi Stat Membru ieħor ta' l-UE kuntrarjarment għal dak li jkun il-każ fir-rigward tat-telf li jirriżulta minn immobbli li jinsab fit-territorju nazzjonali?

   (b) Huwa rilevanti jekk il-persuna fiżika għamlitx l-investiment immobiljari hija stess jew id-dritt Komunitarju huwa xorta waħda miksur fil-każ li l-persuna fiżika saret il-proprjetarja ta' l-immobbli li jinsab fi Stat Membru ieħor permezz ta' wirt?

2. L-Artikolu 56 KE jipprekludi li persuna fiżika li hija suġġetta b'mod illimitat għat-taxxa fil-Ġermanja tista', fil-kuntest taddeterminazzjoni tal-qligħ mill-kiri u mil-leasing li jirriżulta minn immobbli li jinsab fi Stat Membru ieħor ta' l-UE, tapplika biss l-ammortament normali filwaqt li, għal immobbli li jinsabu fit-territorju nazzjonali, hija tkun tista' tapplika ammortament digressiv iktar ogħli?

3. Jekk l-ewwel u t-tieni domandi għandhom jingħataw risposta negattiva, id-dispożizzjonijiet nazzjonali kkontestati huma kuntrarji għall-moviment liberu stabbilit fl-Artikolu 18 KE?

Rikors ippreżentat fil-31 ta' Jannar 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Ellenika

(Kawża C-36/08)

(2008/C 92/29)

Lingwa tal-kawża: Il-Grieg

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: G. Zabbos u H Støvlbæk, bħala aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Ellenika

Talbiet tar-rikorrenti

— Tiddikjara li, billi adottat u żammet fis-seħħ liġijiet bħalma huwa l-Artikolu 29(d.1) u (d.2) tal-liġi 3209/03 (Ġurnal tal-Gvern 304 A) li mhumiex konformi ma' l-Artikoli 30, 31 u 36 tad-Direttiva Nru 93/16/KEE ([1]) u billi ma rtiratx ddiplomi mogħtija mingħajr osservanza tal-kundizzjonijiet deskritti mid-direttiva ċċitata iktar 'il fuq, ir-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi imposti fuqha skond l-Artikoli 30, 31 u 36 ta' din id-direttiva;

— tikkundanna lir-Repubblika Ellenika għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Skond il-Kummissjoni, it-tobba msemmija fl-Artikolu 29(d.1) tal-liġi 3209/03, għandhom drittijiet miksuba fis-sens ta' l-Artikolu 36 tad-Direttiva tal-Kunsill Nru 93/16/KEE; għaldaqstant huma awtorizzati jeżerċitaw attivitajiet bħala tobba fil-kuntest tas-sistema nazzjonali ta' sigurtà soċjali u għandu jingħatalhom ċertifikat li huwa attestazzjoni tad-drittijiet miksuba tagħhom. Madankollu, l-għoti tal-kwalifika ta' tabib ġeneralista, mingħajr ma l-persuni kkonċernati jkunu segwew taħriġ speċjali f'dan irrigward imur kontra l-Artikoli 30 u 31 tad-direttiva. Konsegwentement, l-awtoritajiet Elleniċi għandhom jirtiraw id-diplomi li ngħataw mingħajr ma ġew osservati l-kundizzjonijiet supplementari tad-direttiva.

([1]) ĠU L 165, 7.7.1993, p. 1.

Talba għal deċiżjoni preliminari magħmula mill-VAT and Duties Tribunal, Londra (Ir-Renju Unit) fil-31 ta' Jannar 2008 — RCI Europe vs Commissioners of HM Revenue and Customs

(Kawża C-37/08)

(2008/C 92/30)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Qorti tar-rinviju

VAT and Duties Tribunal, Londra

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: RCI Europe

Konvenuti: Commissioners of HM Revenue and Customs

Domandi preliminari

1) Fil-kuntest tas-servizzi pprovduti mir-rikorrenti għall-:

— miżata ta' reġistrazzjoni;

— miżata ta' abbonament; u

— miżata ta' skambju

imħallsa mill-membri tal-Weeks Scheme tar-rikorrenti, liema huma l-fatturi li għandhom jiġu kkunsidrati meta jiġi ddeterminat jekk is-servizzi humiex "konnessi" ma' proprjetà immobbli fis-sens ta' l-Artikolu 9(2)(a) tas-Sitt Direttiva tal-VAT ([1]) (issa l-Artikolu 45 tad-Direttiva tal-VAT riformulata ([2]))?

2) Jekk is-servizzi kollha, jew xi wħud minnhom, ipprovduti mir-rikorrenti huma "konnessi" ma' proprjetà immobbli fis-sens ta' l-Artikolu 9(2)(a) tas-Sitt Direttiva tal-VAT (issa l-Artikolu 45 tad-Direttiva tal-VAT riformulata), il-proprjetà immobbli li magħha huma konnessi dawn is-servizzi kollha, jew kull wieħed minn dawn is-servizzi, hija l-proprjetà immobbli ddepożitata fil-fondi komuni, jew il-proprjetà immobbli mitluba bħala skambju għall-proprjetà immobbli ddepożitata, jew it-tnejn li huma?

3) Jekk xi wħud minn dawn is-servizzi huma "konnessi" maż-żewġ proprjetajiet immobbli, kif għandhom jiġu kklassifikati s-servizzi taħt is-Sitt Direttiva tal-VAT (issa d-Direttiva tal-VAT riformulata)?

4) Fid-dawl tas-soluzzjonijiet diverġenti misjuba minn Stati Membri differenti, is-Sitt Direttiva tal-VAT (issa d-Direttiva tal-VAT riformulata) kif tikkaratterizza d-dħul ta' persuna taxxabbli minn "miżata ta' skambju" rċevuta għal dawn is-servizzi:

— tħaffif ta' l-iskambju tad-drittijiet ta' l-użu ta' vakanzi ta' membru wieħed ta' skema mmexxija mill-persuna taxxabbli mad-drittijiet ta' użu ta' vakanzi ta' membru ieħor ta' din l-iskema; u/jew

— provvista ta' drittijiet ta' użu fl-akkomodazzjoni mixtrija mill-persuna taxxabbli mingħand terzi persuni taxxabbli sabiex jitkabbar il-fondi komuni ta' akkomodazzjoni disponibbli għall-membri ta' din l-iskema.

(1) Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU L 145, p. 1).
(2) Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1).

Talba għal deċiżjoni preliminari magħmula mill-Juzgado de Primera Instancia nº 4, Bilbao (Spanja) fil-5 ta' Frar 2008 — Asturcom Telecomunicaciones S.L. vs Cristina Rodríguez Nogueira

(Kawża C-40/08)

(2008/C 92/31)

Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Juzgado de Primera Instancia nº 4 de Bilbao (Spanja)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Asturcom Telecomunicaciones S.L.

Konvenuta: Cristina Rodríguez Nogueira

Domanda preliminari

Il-protezzjoni tal-konsumaturi skond id-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE (1) tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur, timplika li l-qorti li tkun ġiet adita b'rikors għall-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni arbitrali finali, mogħtija mingħajr ma jkun deher il-konsumatur, għandha tevalwa *ex officio* n-nullità tal-ftehim ta' arbitraġġ u, konsegwentement, tannulla d-deċiżjoni għar-raġuni li l-imsemmi ftehim ta' arbitraġġ jinkludi klawżola ta' arbitraġġ inġusta bi ħsara għall-konsumatur?

(1) ĠU L 95, p. 29.

Rikors ippreżentat fil-5 ta' Frar 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Ċeka

(Kawża C-41/08)

(2008/C 92/32)

Lingwa tal-kawża: Iċ-Ċek

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: M. van Beek u P. Ondrůšek, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Ċeka

Talbiet tar-rikorrenti

— tiddikjara li, peress li ma addottatx il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi (kollha) neċċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-24 ta' Lulju 1986 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali għal irġiel u nisa fi skemi tax-xogħol ta' sigurtà soċjali (1), jew, fi kwalunkwe każ, peress li naqset li tikkomunikahom lill-Kummissjoni, ir-Repubblika Ċeka naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skond l-Artikolu 12 ta' l-imsemmija direttiva u ta' l-Artikolu 54 ta' l-Att li jirrigwarda l-kundizzjonijiet ta' adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea;